MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 233/1991/1

***Alfred Farrugia***
***vs***
***Mary Rose Meli***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur, wara li **ppremetta**: illi l-attur meta kien qed isuq motorcycle Suzuki, numru ta' registrazzjoni Q-7821 sofra danni inkluzi wkoll korriment personali fl-incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Settembru 1989 f' Constitution Street, Mosta fejn huwa safa milqut u mwegga' minn vettura numru ta' registrazzjoni S-9794 (M) misjuqa mill-konvenuta; illi l-incident gara unikament tort tal-konvenuta; illi l-attur sofra danni u sofra korriment ta' natura permanenti u giet permanentement debilitat; illi ghamel u ghadu jaghmel bosta spejjez, u tilef hafna qligh in konsegwenza ta' l-incident u ghadu sallum ibati mill-effetti tal-korriment; illi l-

konvenuta giet inutilment interpellata tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni;

**Talab** li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:
1. Tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Novembru 1989 f' Constitution Street, il-Mosta bejn il-partijiet u ghad-danni kollha sofferti mill-attur;

2. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi id-danni hekk ikkawzati;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri legali tat-12 ta' Jannar 1990, tat-12 ta' Frar 1990 u tat-12 ta' Ottubru 1990 u bl-imghax min-notifika ta' din ic-citazzjoni; il-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn din eccepiet:

1. Illi l-incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Novembru 1989 fil-limiti tal-Mosta gara unikament tort tal-attur li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku;

2. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, anzi ghandu jkun l-istess attur li ghandh jhallas lill-eccipjent id-danni minnha sofferti f' dan l-incident; Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda;

Rat ir-rapport kongunt tal-perit legali u dak mediku mahluf fit-2 ta' Marzu 1995[1]; kif ukoll ir-rapport addizzjonali tal-periti medici[2]; u r-rapport addizzjonali ulterjuri tal-istess periti medici[3];

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-20 ta'Novembru 1989 ghal habta tal-11 pm. waqt li l-attur kien ghaddej bil-mutur numru Q-7821 minn Constitution Street, li hija triq principali, sejjer fid-direzzjoni tar-Rotunda; hekk kif wasal fil-vicinanzi ta' 9th April Street, li hi side street fuq il-lemin tieghu, harget ghal got-triq principali vettura Yugo numru S-9794 misjuqa mill-konvenuta u daret lejn il-lemin taghha wkoll fid-direzzjoni ta' Rotunda Square. Rizultat ta' din il-manuvra il-mutur tal-attur laqat il-vettura tal-konvenuta fuq in-naha tal-bieba ta' quddiem tal-passiggier bil-konsegwenza li l-mutur baqa' jitkaxkar fuq distanza ta' 122.80 metri u l-attur korra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Responsabbilita'- Osservazzjonijiet guridici*

Illi rigward l-aspett tar-responsabbilita' tal-incident, il-Qorti tikkondividi pienament il-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjoni raggjunta mill-abbli perit legali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara; u din il-Qorti fl-esposizzjoni tal-aspett guridiku tal-vertenza in disamina, ser taghmel referenza wkoll ghal uhud mill-kazijiet kwotati mill-istess perit legali.

Illi bazikament l-incident sehh meta il-konvenuta harget bil-vettura taghha minn go side street ghal go main road li

[1] Rapport tal-Avukat Dr.Joseph Ciappara u tal-kirurgu Mr.Joseph Attard nominati esperti b' digiret moghti fit-30 ta' mejju 1991- Fol.51 *et seq*.
[2] Rapport kongunt tal-kirurgi Profs.Victor Griffits, Mr.Carmel Apap Bologna u Mr.Frederick Zammit Maempel, nominati esperti addizzjonali b' digrieti tat-3 ta' Lulju 1995 u tat-30 ta' Mejju 1996 – Fol.124 *et seq*.
[3] Rapport kongunt ulterjuri tal-istess kirurgi – Fol.213 *et seq*.

minnha kien ghaddej l-attur. Illi l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza u hu fis-sens li: s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenzi it-triq principli u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu jew xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane[4].. Aktar ma tkun popolari u traffikuza t-triq principali, akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.

Is-sewwieq tas-side road *"ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[5]. Huwa ghandu *"l-obbligu assolut li, x' hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[6]. *"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu"*[7]. Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaq sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[8]

Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out*. Dan l-obbligu huwa korollari tal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. *"Side road user kellu 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli"*[9]

---

[4] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.
[5] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** - 12 ta' Novembru 1960.
[6] Ibid.
[7] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[8] App. Civ. Vol.LXXXII.II.473
[9] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Joseph Vella*** – 10 ta' Awissu 1963

"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view* [10]. *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view"*[11]

Konformament ma' u b' applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li: jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghd attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out"*[12]

*Osservazzjonijiet fattwali*

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali li l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta meta dina ma esercitatx dik id-diligenza rikjesta minnha mill-ligi fic-cirkostanzi tal-kaz u infiltrat fit-triq principali minghajr ma esplorat sewwa jekk kienx gej traffiku minn naha tax-xellug taghha, u ma accertatx li setghet, mhux biss tibda u taghmel il-manuvra propsettata, imma li setghet titterminaha minhajr perikolu ghat-traffiku ghaddej mit-triq principali. Rizultat ta' dan in-nuqqas ta' esercizju ta' diligenza da parti taghha, il-konvenuta ma ratx lill-attur gej bil-mutur tieghu meta kellha vizwali li, ghalkemm kien id-dlam, kienet twassal fit-tul tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq. B' hekk holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanea li wasslet biex il-

[10] *Prim Awla* Vol.LXXXII.III.322; u Vol.XLVI.I.112
[11] Gibb ***Trial of Motor Car Accident Cases*** Section 54 – kwotat mill-abbli perit legali.
[12] App.Krim.***Il-Pulzija vs John Laferla*** – 17 ta' Gunju 1961

mutur tal-attur baqa' diehel fil-vettura taghha fuq in-naha tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-incident de quo gara unikament tort tal-konvenuta u ghandha ghalhekk tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

**Danni Likwidazzjoni**

*Damnum emergens*

Illi mid-deposizzjoni[13] nkontestata tal-attur in subjecta materja, l-attur pprezenta ricevuta dettaljata[14] li turi l-ispejjez inkorsi minnu fit-tiswija tal-mutur u li jammontaw ghall-mitejn u dsatax il-lira maltin u disa u hamsin centezmu (Lm219.59). Dan l-ammont gie kkonfermat minnu bil-gurament u ma giex kontestat mill-konvenuta. Inoltre l-Qorti tosserva li, tenut kont tal-impatt tal-kollizzjoni, l-ispejjez jaqghu fil-parametri ta' dak li hu verosimili u ragjonevoli u ghalhekk ghandhom jigu accettati bhala parti mid-damnum emergens. Ma dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta' Lm25 drittijiet professjonali tat-tabib.[15] Ghaldaqstant d-danni attwali emergenti f' dan il-kaz jammontaw komplesivament ghas-somma ta' ***mitejn erba u erbghin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm244.59c).***

*Lucrum cessans*

*Osservazzjonijiet guridici*

Fatturi relevanti ghal dan l-aspett tad-danni huma l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni ta' l-attur kif kienu qabel l-incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita' li sofra hijex ser tkun kagun ta' telf ta' qligh ghalih fil-futur, u f' kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta' dan il-*lucrum cessans*.

Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita' *ut sic* imma ghal inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali.[16] Dan it-telf ta' qligh ghandu jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla' introitu fil-futur. Il-fatt li persuna dizabbilitata tkun qed tahdem wara l-incident,

[13] Deposizzjoni moghtija fl-udejnza tal-24 ta' Novembru 1994 fols.32-40
[14] Dok.XX Fol.42
[15] Dok.Y – Ricevuta mahruga minn Mr.Carmel Grixti – Fol.84
[16] Vol.XLIB pg.101

anke jekk qeda taqla' izjed minn qabel, ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita' necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tadhem ghal rasha.[17]

Izda rigward il-komputazzjoni tal-*quantum* ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu dak li osservat din il-Qorti diversament presjueduta u cioe' li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[18]

*Osservazzjonijiet fattwali*
*Percentagg ta' disabilita'*
Illi mir-rapporti medici, ghalkemm jirrizulta li hemm qbil dwar il-fatt li l-attur sofra disabilita' permanenti f' saqajh il-leminja, il-kirurgi ma jablux dwar il-percentagg ta' tali disabilita. Fil-fatt fir-rapport tal-kirurgu Mr. Carmel Grixti, inkarikat *ex parte* mill-attur, din id-disabilita' giet kwantifikata fl-ammont ta' 7%. Fir-rapport tal-kirurgu Mr.Joseph Attard, nominat espert minn din il-Qorti, id-disabilita' giet kwantifikata fil-figura ta' 8%. Fir-rapport tal-periti addizzjonali l-Professur Victor Griffits, Mr.Apap Bologna u Mr.Frederick Zammit Maempel, id-disabilita' giet kwantifikata f' percentagg ta' tnejn fil-mijja (2%). Dan il-percentagg rega' gie kkonfermat mill-istess periti f' rapport ulterjuri maghmul minnhom.

[17] App.Civ. ***George Gatt vs Francis Carbone*** – deciza 1998 - Vol.LXXXII.II.243; App.Civ.***Joseph Attard vs Carmelo D' Amato*** deciza 22 ta' Ottubru 2002
[18] .Prim Awla – ***Carmelo Muscat v Francis Schembri et*** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

**1.** Illi gia la darba l-Qorti ghandha il-beneficju ta’ perizja addizzjonali maghmula minn nies rinomati ghall-professjonalita’ u kompetenza taghhom, hija ghandha tistrih fuq il-konkluzjoni ta’ dawn l-esperti. Multo magis, meta fil-kaz prezenti, xi zmien wara l-ewwel rapport, dawna fuq talba tal-attur, regghu ezaminaw lill-attur u kkonfermaw il-konkluzjoni originali taghhom, u cioe’ li d-disabilita’ permanenti, li sofra l-attur hija ta’ 2%.

**2.** Illi fid-deposizjoni tieghu, il-kirurgu Mr.Joseph Attard spjega li l-figura ta’ 8% indikata minnu fir-rapport tieghu, tikkompredi disabilita’ kosmetika li sofra l-attur f’ saqajh minhabba l-iskin grafting li necessarjament kellu jsir, u li hu kkwantifika bhala *“5% fuq cosmetic problems”.*[19]

**3.** Illi inoltre fir-rapport tieghu Mr.Carmel Grixti, l-espert *ex parte* tal-attur u li ezaminah fl-20 ta’ Frar 1990 , jghid hekk: *“He walked into the clinic steadily and without any support”*[20] Fir-rapport tieghu l-kirurgu Mr.Joseph Attard jghid hekk: *“The patient walks well, without a limp and still works as a grinder at Mdina Glass and part time at Riza Hotel.”*[21] Il-kirurgi nominati periti addizzjonali fir-rapport taghhom jghidu hekk: *“Din l-alterazzjoni tal-gilda cikatrizzata aktarx tibqa’ vulnerabbli izda ma ggibx maghha dizabilita’ funzjonali u ma timpedix il-hila ghax-xoghol tal-attur.”*[22] Il-Qorti tosserva li dawn il-kostatazzjonijiet tat-tobba jimmilitaw kontra l-istampa li jrid jaghti l-attur u li hi fis-sens li l-griehi subiti minnu f’ dan l-incident irvinawlu hajtu

Illi l-premess wassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li ghandha taccetta il-percentagg ta’tnejn fil-mija (2%) bhala rapprezentanti il-grad tad-dizabilita’ li sofra l-attur rizultat tal-incident.

*Il-multiplicand*

---

[19] Fol.109
[20] Fols.82-83. Sottolinear tal-Qorti.
[21] Fol.64
[22] Fol-127

Illi l-perit legali fir-relazzjoni tieghu wasal ghall-figura ta' elfejn sitt mija u tlieta u hamsin lira maltin (Lm2,653c) rapprezentanti l-introitu annwali tal-attur tul is-sena 1989 mill-impieg tieghu mal-Eden Hotels Limited (Lm1,531), ma' C&M Caterers Ltd. (Lm675) u mal-Mdina Glass Limited (Lm447).[23] Huwa zied il-*multipland* ghall-figura ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500), jigifieri zieda ta' Lm847. Il-Qorti taqbel ma' din il-komputazzjoni u z-zieda fil-paga annwali medija ghandha tikkompensa adegwatament ghall-varjazzjonijet fil-pagi, fl-gholi tal-hajja u ziediet fl-inflazzjoni in generali.

*Il-multiplier*

Fil-kalkolu tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-decujus, izda l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhahha dawk ic-cirkostanzi li jssejhu *the chances and changes of life.* Wiehed irid jezamina l-*earning capacity* tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[24]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life*.[25]

Illi fil-kaz in disamina fiz-zmien tal-incident l-attur kellu seba u tletin sena (37) u l-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha taddotta multiplier ta' hamsa u ghoxrin (25) sena kunsidrat il-fatt li fiz-zmien tallum, l-hajja lavorativa tal-bniedem qeda titwal. Ghaldaqstant, multiplier ta' 25 sena fuq paga medja annwali ta' Lm3,500, u b' dizabilita' ta' 2% iwassal ghall-figura ta' elf seba mija u hamsin lira maltin (Lm1,750).

*Lump sum deduction*

Ir-*ratio* ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Illi l-kaz in disamina c-citazzjoni gie prezentata fis-6 ta' Marzu 1991(circa sena u nofs wara l-incident); l-

---

[23] Fol.61-62

[24] Prim Awla ***Carmela Muscat vs Francis Schembri*** (Ibid).

[25] Vide: App.Civ..***Butler vs Heard*** deciza 22 ta' Dicembru 1967

attur ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 1995.[26] Sussegwentement ntalbet da parti tal-konvenuta in-nomina ta' periti addizzjonali li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom fit-18 ta' Ottubru 1996. Illi, fuq talba tal-attur, sar rapport addizzjonali ulterjuri li gie prezentat fit-2 ta' Mejju 2001. Minn dak in-nhar, sal-udjenza tas-6 ta' Mejju 2003, l-attur baqa' jinsisti li jipprezenta provi ulterjuri. Illi fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinghad li d-dewmien f' dan il-kaz kien dovut ghal xi abbuz da parti ta' naha jew ohra, imma huwa piuttost dovut ghan-natura tal-kaz[27], u ghall-grad qawwi ta' kontestazzjoni da parti tal-partijiet.

F' dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont wkoll tar-*raison d'etre* tal-*lump payment deduction*, kif ukoll tas-somma involuta, din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz ghandha taghti skont ta' hamsa fil-mija (5%) jekk id-danni jithallsu f' pagament wiehed. Ghaldaqstant il-figura ta' Lm1,750 ghandha tigi ridotta b' Lm87.5, biex b' hekk twassal ghall-figura konkluziva ta' Lm1,662.5, arrotondita ghal **elf sitt mija tlieta u sittin lira maltin (Lm1,663)** rapprezentanti l-ammont ta' *lucrum cessans* li ghandhu jithallas lill-attur. Din il-figura fil-fehma tal-Qorti tirrappresenta bilanc ekwu u gust bejn l-interessi tad-danneggjat u dawk tad-danneggjant.

**Konkluzjoni**

Illi in vista tal-premess, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li d-danni li sofra l-attur rizultat tal-incident, u li ghandhom jithallsu huma Lm244.59 bhala *damnum emergens* u Lm1,663 *lucrum cessans* – total ta' Lm1,907.59 arrotonditi ghal ***elf u disa mitt lira maltin (Lm1,900)***

*Imghax*

Illi rigward l-imghax fuq is-somma likwidata l-attur qed jippretendi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li dawn ghandhom jirrisalu ghad-data tal-incident. In propositu il-Qorti tosserva li sad-data tac-citazzjoni, il-*quantum* tad-danni kien ghadu *da liquidarsi*; u ghalhekk, stante li dawna gew likwidati permezz tas-sentenza tal-Qorti, dawn

[26] Fol.89

[27] Il-kontestazzjoni kienet principalment timpernja dwar il-grad ta' dizabilita' li sofra l-attur, liema fattur necessarjament ivarja minn bniedem ghall-iehor.

ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-incident jew mid-data tac-citazzjoni.[28]

*Spejjez*
Illi rigward l-ispejjez, il-Qorti tosserva li ghalkemm dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident; mill-banda l-ohra, huwa gust li dina m' ghandhiex tbati l-ispejjez tar-rapport addizzjonali ulterjuri li gie redatt fuq talba tal-attur, u li ma biddel xejn mill-kontenut tar-rapport addizzjonali originali. Inoltre, stante li dan l-ahhar rapport kien ta ragun lill-konvenuta fis-sens li l-percentagg indikat fl-ewwel rapport kien gholi izjed, allura parti mill-ispejjez ta' dan ir-rapport ghandhom jigi sopportat mill-attur.

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-20 ta' Novembru 1989 go Constitution Street Mosta u ghad-danni kollha konsegwenzjali; tillikwida d-danni hekk kagjunati fl-ammont ta' ghal ***elf u disa mitt lira maltin (Lm1,900***); tikkundanna lill-istess konvenuta thallas din is-somma lill-attur flimkien mal-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

***L-ispejjez*** ikun a kariku tal-konvenuta; hlief ghall-nofs l-ispejjez tar-rapport addizzjonali[29] (1/2) u l-ispejjez kollha tar-rapport addizzjonali ulterjuri[30] li ghandhom jibqghu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[28] Prim Awla (NA) ***Susan Davies vs Anthony Galea*** deciza 10 ta' Otturbu 1997; App.Civ.***Joseph Attard vs Carmelo D' Amato*** (supra).
[29] Prezentat fit-18 ta' Ottubru 1996 – Fols.124-127
[30] Prezentat fit-2 ta' Mejju 2001 – Fols.213-215